MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 293/2007

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewwgu hawn Malta fl-20 ta’ Jannar 2003, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal.

2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b’ anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet illi hija taqbel u taccetta li z-zwieg ikkontrattat bejnha u bejn ir-rikorrenti huwa null, b’ dana illi l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null minhabba htijiet imputabbli lill-istess rikorrenti kif ser jirrizulta.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-20 ta’ Jannar 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel li z-zwieg huwa null, qed tikkontesta r-responsabbilita’.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Jannar 2003 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin tlett xhur li matulhom il-konvenuta harget tqila. L-attur, cittadin Grieg, kien ilu Malta sentejn qabel id-data taz-zwieg. Il-partijiet

spjegaw li l-uniku skop li dawn izzewwgu daqshekk malajr meta bil-kemm kienu ghadhom jafu lil xulxin kien minhabba t-tqala tal-konvenuta. Di fatti huma zzewwgu bir-rit civil biss, u ftehmu li jiccelebraw iz-zwieg bir-rit religjuz meta jkunu f' posizzjoni ahjar. Irrizulta pero' li wara z-zwieg il-konvenuta kellha korriment, u l-partijiet qatt ma wasslu biex jiccelebraw iz-zwieg bil-knisja, peress li l-konvivenza matrimonjali taghhom kienet turbulenti mill-bidu nett, karatterizzata bi glied kontinwu rizultat tal-fatt li l-partijiet meta zzewwgu ma kienux ghadhom jafu lil xulxin. Konsegwenzjalment wara konvivenza matrimonjali ta' sena u nofs, huma sseparaw de facto. F' dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Mill-provi jirrizulta car li ma kien hemm ebda preparazzjoni da parti taghhom ghal dan iz-zwieg li kien spint unikament mix-xewqa li t-tarbija li kienet fil-guf tal-konvenuta titwieled fiz-zwieg. Sfortunatament it-tarbija ma twelditx, u l-partijiet sabu ruhhom f' rabta matrimonjali li la kienu ppreparati ghaliha u lanqas kienu gharrfu bizzejjed l-import taghha. Fil-fehma tal-Qorti, li semghet liz-zewg partijiet jiddeponi, kien hemm, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali da parti taz-zewg partijiet li jirrizulta li kienu manifestament privi, minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt ai termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Jannar 2003. L-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet konguntivament f' porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------